DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................ POST: ............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## U L-ANĠLU ĦABBAR

*2 Att, 3 Xena, p.90 (f)*

### KAREN

**IT-TORT MHUX KOLLU TIEGĦU.**

It-tort mhux kollu tiegħu. Kont naf li ma stajtx nagħmel mod ieħor – li hekk ridtha tispiċċa – li kelli nagħmel dak li kelli nagħmel. U jiġri dak li jiġri. Għax hekk kien jeħtieġ. Biex nuri li hi kienet il-belha – mhux jien.

Hi, bir-raġel tagħha – għax għandha raġel mingħaliha! – hi, kburija bit-tfal – għax għal wieħed għandha tlieta – kburija bid-dar mgħammra b'kollox – għax hu kien taha kollox! U kburija bis-servilità tagħha: is-servilità minkejja kollox, minkejja li togħbodni u ma tafnix – togħbodni bl-għira tagħha kollha moħbija – mhux l-għira tiegħi – mhux tiegħi biss! – l-għira tagħha mgħobbija servilità – għira għal min taħseb li hu aħjar minnha, jew għal min taħseb li jista' jaħseb li hu aħjar minnha!

Allura għidt: Ħaqqha mela. Ħaqqha r-raġel li għandha, jekk dan hu r-raġel li għandha! U ħaqqha nħallih jagħmel li jrid jagħmel. Bħal ma jagħmel lilha. Għax kienet taf. U safrattant qaltli "Tkellem bil-Malti, jekk jogħġbok..." U jien ukoll kien jeħtieġ nuriha – li bħalha naf nitkellem bil-Malti – li bħalha naf nitkellem bil-Malti. U t-tort mhux tiegħi... u lanqas tiegħu.

*(169)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 90